**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 38**

**Il-Hamis 17 ta' Marzu 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk, fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi-Sindku |
| Janice Chetcuti | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

<table>
<tr><td>38.1</td><td>Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji</td></tr>
<tr><td>38.1.1</td><td>Xejn</td></tr>
<tr><td>38.2</td><td>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti</td></tr>
<tr><td>38.2.1</td><td>Is-Sa. Elenia Desira ppproponiet u ssekonda Is-Sur Steven Grech bħala korretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 37 u ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti.</td></tr>
<tr><td>38.3</td><td>Kommunikazzjonijiet mis-Sindku</td></tr>
<tr><td>38.3.1</td><td>Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li minħabba l-elezzjoni ma kienx hemm laqgħat.</td></tr>
<tr><td>38.3.2</td><td>Festa Liturġika ta’ 8 ta Mejju - Is-Sindku qal li peress din is-sena l-Parroċċa qed tiċċelebra l-125 sena mit-twaqqif tagħha u wkoll li l-Festa Liturġika ta’ 8 ta’ Mejju se jiġi l-Ħadd, is-Sindku staqsa jekk il-Monti hux se jkun qed jarma. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss t’April sabiex ikollna il-Programm tal-Parroċċa u l-informazzjoni tan-nies.</td></tr>
<tr><td>38.3.3</td><td>Jum Marsaxlokk - Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera preżenti jekk Jum Marsaxlokk għadhomx jaqblu li jsir. Kulħadd qabel li jsir f’Settembru bid-data tkun it-18 ta’ Settembru. Din tista tkun suġġet li tinbidel.</td></tr>
<tr><td>38.3.4</td><td>San Girgor - Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li hemm żewġ problemi. L-ewwel waħda hi li l-parti tal-pjazza naħa ta’ mal-baħar dejjem tħalliet vojta sabiex jagħmlu użu minnha l-għaqdiet tal-Lokal. Stephen Caruana staqsa dwar dawk li jikru l-posta. Għal dan is-sindku qal Il-parti fejn ikun jarmaw tal-monti jistgħu jinkrew u ma jidħolx fijha il-Kunsill. Dr.Janice Chetcuti qalet li ma hemmx għalfejn nidħlu fid-dettal. Daniel Zerafa qal li dawk li jarmaw il-pjazza għandhom jingħataw post ieħor. Is-Sa Janice Chetcuti staqsiet kemm ser jintlaqtu nies minnha din u għal dan Daniel qal li jekk jarma kulħadd xi 10 bejjiegħa. Is-Sindku qal li jaraw min huma u jiġu jiddiskutu. Għal dan ittieħed vot hekk kif gej.<br><br>L-area tal-monti ta’ fost il-ġimgħa mill-fawwara sa ħdejn skal numru 3 joqgħodu tal-Monti u l-area mill-fawwara sa ħdejn it-tinda joqgħodu l-għaqdiet ta’ Marsaxlokk.<br><br>
<table>
<tr><th>ISEM</th><th>Favur</th><th>Kontra</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>Favur</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>Favur</td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>Favur</td><td></td></tr>
<tr><td>Janice Chetcuti</td><td>Favur</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>Astjena (konflitt t’Interess)</td><td></td></tr>
</table>
</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 38.3.5 | **Tombla tal-Parroċċa -** Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li bħal kull sena il-Parroċċa ser torganizza it-tombla f'San Girgor. Hu kien l-ewwel wiehed li tefa l-applikazzjoni u din is-sena ser issir li qliegħ immur kollhu għal Parroċċa. L-Għaqdiet xtaqu ukoll li jagħmlu t-tombla. Ġie propost li l-Għaqda 8 ta' Mejju jinħargilhom permess biex jagħmlu it-Tombla fuq il-bankina quddiem is-sorijiet.<br>Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti. |
| 38.3.6 | **SPI/SCI/3/2022 Skema Restawr ta' Statwi -** Ser jiġu ddentifikati dawk fissi max-Xatt sabiex jiġu restawrati. Aktar tard waqt laqgħa oħra ser niddentifikaw u nsemmu liema huma l-istatwi sabiex napplikaw għall-fondi minn din l-iskema. |
| 38.3.7 | **Karnival ta' Mejju –** Għall-attivita tal-Karnival, il-Kunsill ser joħroġ l-ammont ta' €2000. Kien hemm qbil unnanimu. |
| **38.5** | **Proċess għal sit alternattiv għall-binja tal-Kunsill**<br><br>Is-Sindku ppropona 2 siti alternattivi għall-binja tal-Kunsill il-ġdid. Dettalji aktar tard.<br><br>• Il-Hostel il-Qadima<br>• Triq Bir Rikka - Plot vojt |
| | *Dr.Janice Chetcuti talbet li tiġi skuzata u ħarġet mil-laqgħa minħabba impenji personali fil-5.17pm.* |
| **38.6** | **Planning Authority** |
| 38.6.1 | Tsunami - Ser ikompli il-programm sabiex ikun hemm qafas biex ikun issodat il-proġett. |
| 38.6.2 | Lukanda ta' Dellimara - Daniel Zerafa fakkar il-kaz. L-iżviluppatur biddel il-pjanta u l-Awtorità talbitu jagħmel survey. Inbidel l-għoli tal-bini fost oħrajn u naqqas l-ammont ta' bini *overall*. Kien hemm qbil unnanimu fost dawk preżenti mal-proposta il-ġdida. |
| **38.7** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal Iskedi tal-Pagamenti** |
| 38.7.1 | Skeda pagament - Approvati<br>Proponiet is-Sinjorina Elenia Desira u Is-Sur Stephen Caruana ssekonda |
| **38.8** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 38.8.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-17:40h wara li ġiet eżarwita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 t'April 2022, fl-4:30pm |

Konfermati, illum 13 t'April 2022

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Steven Grech**
*Sindku*

**Carmel Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*